Nru. 18,206
Prezz/Price
€1.86 (Lm0.80)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 11 ta' Marzu, 2008
Tuesday, 11th March, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 230

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,201 u 18,203 tat-3 u s-7 ta' Marzu, 2008 rispettivament.

A.L. Nru. 90 ta' l-2008: Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65); Regolamenti ta' l-2008 dwar il-Votazzjoni fl-Elezzjonijiet Ġenerali (Restrizzjoni ta' Aċċess).

A.L. Nru. 91 ta' l-2008: Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371); Dikjarazzjoni ta' Vaganzi tal-Banek.

A.L. Nru. 92 ta' l-2008: Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Kap. 449); Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Additivi Permessi biex jintużaw ma' l-Ikel.

A.L. Nru. 93 ta' l-2008: Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10); Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar iż-Żamma ta' Bon Ordni f'Lokalitajiet ta' Divertiment.

A.L. Nru. 94 ta' l-2008: Kodiċi Kriminali (Kap. 9); Ordni ta' l-2008 li jirrevoka l-Ordni dwar Ħatra ta' Awtorità għall-Assistenza.

A.L. Nru. 95 ta' l-2008: Att ta' l-2007 li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru. 2) (Att XIII ta' l-2007); Avviż ta' dħul fis-seħħ.

A.L. Nru. 96 ta' l-2008: Kodiċi Ċivili (Kap. 16); Regolamenti ta' l-2008 dwar Drittijiet li jitħallsu taħt it-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili.

GOVERNMENT NOTICES

No. 230

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,201 and 18,203 of the 3rd and the 7th March, 2008 respectively.

L.N. No. 90 of 2008: Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65); General Elections Polling (Restriction of Access) Regulations, 2008.

L.N. No. 91 of 2008: Banking Act (Cap. 371); Declaration of Bank Holidays.

L.N. No. 92 of 2008: Food Safety Act (Cap. 449); Permitted Food Additives (Amendment) Regulations, 2008.

L.N. No. 93 of 2008: Code of Police Laws (Cap. 10); Maintenance of Good Order at Places of Entertainment (Amendment) Regulations, 2008.

L.N. No. 94 of 2008: Criminal Code (Cap. 9); Nomination of Assisting Authority (Revocation) Order, 2008.

L.N. No. 95 of 2008: Civil Code (Amendment) (No. 2) Act, 2007 (Act XIII of 2007); Commencement Notice.

L.N. No. 96 of 2008: Civil Code (Cap. 16); Civil Code (Second Schedule) (Fees) Regulations, 2008.

A.L. Nru. 97 ta' l-2008: Kodiċi Ċivili (Kap. 16); Regolamenti ta' l-2008 dwar Notifiki u Formuli taħt it-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili.

L.N. No. 97 of 2008: Civil Code (Cap. 16); Civil Code (Second Schedule) (Notifications and Forms) Regulations, 2008.

A.L. Nru. 98 ta' l-2008: Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Kap. 423); Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352); Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234); Avviż ta' bidu fis-seħħ tar-Regolamenti ta' l-2008 dwar il-Kwalità tal-Karburanti.

L.N. No. 98 of 2008: Malta Resources Authority Act (Cap. 423); Malta Maritime Authority Act (Cap. 352); Merchant Shipping Act (Cap. 234); Commencement notice of the Quality of Fuels Regulations, 2008.

A.L. Nru. 99 ta' l-2008: Att dwar l-Adozzjoni ta' l-Euro (Kap. 485); Ordni ta' l-2008 li jemenda l-Ordni dwar l-Adattament tal-Liġijiet (Kapitoli 51 - 100).

L.N. No. 99 of 2008: Euro Adoption Act (Cap. 485); Adaptation of Laws (Chapters 51 - 100) (Amendment) Order, 2008.

A.L. Nru. 100 ta' l-2008: Att ta' l-2005 li jemenda l-Att dwar Kunsilli Lokali (Att Nru. I ta' l-2005); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

L.N. No. 100 of 2008: Local Councils (Amendment) Act, 2005 (Act No. I of 2005); Commencement Notice.

A.L. Nru. 101 ta' l-2008: Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Kap. 169); Ordni ta' l-2008 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet).

L.N. No. 101 of 2008: Commissioner of Land Ordinance (Cap. 169); Commissioner of Land (Transfer of Rights and Liabilities) Order, 2008.

A.L. Nru. 102 ta' l-2008: Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217); Regolamenti ta' l-2008 dwar Proċedura ta' Dħul Speċjali għal Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għal Finijiet ta' Riċerka Xjentifika.

L.N. No. 102 of 2008: Immigration Act (Cap. 217); Third Country Nationals for Scientific Research Purposes (Specific Admittance Procedure) Regulations, 2008.

A.L. Nru. 103 ta' l-2008: Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371); Dikjarazzjoni ta' Vaganzi tal-Banek.

L.N. No. 103 of 2008: Banking Act (Cap. 371); Declaration of Bank Holidays.

Il-11 ta' Marzu, 2008

11th March, 2008

Nru. 231

ĦATRA TA' DIRETTURI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lill-uffiċjali pubbliċi msemmija hawn taħt fil-kariga ta' Direttur, kif jidher hawn taħt:

No. 231

APPOINTMENT OF DIRECTORS

IN exercise of the powers vested in him by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed the under-mentiond public officers to the position of Director, as shown hereunder:

		Data Effettiva *Effective Date*
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU *OFFICE OF THE PRIME MINISTER*		
Taqsima għall-Ippjanar u Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritajiet *Planning and Priorities Co-ordination Division*		
Mr Noel Toledo, B.A. (Hons.) Pub. Admin.	Direttur (Politika ta' Koeżjoni) *Director (Cohesion Policy)*	16.01.2008

Mr Stephen Calleja	Direttur (Programmi u Proġetti) *Director (Programmes and Projects)*	16.01.2008

MINISTERU TAL-FINANZI
MINISTRY OF FINANCE

Taqsima tas-*Support Services*
Support Services Division

Mr Anthony Savona	Direttur (Servizzi Korporattivi) *Director (Corporate Services)*	16.01.2008

Taqsima tad-Dwana
Customs Division

Mr Paul Bonello, D.P.A.	Direttur (Osservanza) *Director (Compliance)*	16.01.2008
Mr Martin Em Spiteri, B.A. (Hons.) Pub. Admin., M.A. Econ. Devt. & Intl. Trade (Reading)	Direttur (Sisa u Sistemi ta' l-Informatika) *Director (Excise and Systems)*	12.02.2008

Taqsima tal-Kuntratti
Contracts Division

Ms Antoinette Calleja, M.B.A., M.Sc., P.Q. (Dip.), S.C.M., S.R.N.	Direttur (Osservanza) *Director (Compliance)*	27.01.2008

MINISTERU GĦALL-KOMPETITTIVITÀ U KOMUNIKAZZJONI
MINISTRY FOR COMPETITIVENESS AND COMMUNICATIONS

Taqsima tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni
Consumer and Competition Division

Ms Josephine Borg, D.P.A.	Direttur (Affarijiet tal-Konsumatur) *Director (Consumer Affairs)*	12.02.2008

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX
MINISTRY FOR GOZO

Taqsima ta' l-*Operations*
Operations Division

Mr Emanuel Grech	Direttur (Servizzi Korporattivi) *Director (Corporate Services)*	12.02.2008

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ
MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Taqsima għas-Servizzi tas-Saħħa
Health Care Services Division

Ms Anna Debattista, B.Pharm. (Hons.)	Direttur *(Procurement)* *Director (Procurement)*	12.02.2008

Taqsima għall-Istrateġija u s-Sostenibbilità
Strategy and Sustainability Division

Ms Isabelle Zahra Pulis, B.Pharm. (Hons.), M.Sc.	Direttur (Politika u Moniteraġġ dwar Farmaċewtika) *Director (Pharmaceutical Policy and Monitoring)*	12.02.2008

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT
MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Taqsima għall-Affarijiet Rurali
Rural Affairs Division

Mr Antoine Attard, Dip. Mgt.	Direttur (Promozzjoni u Informazzjoni) *Director (Promotion and Information)*	12.02.2008

Taqsima għall-Affarijiet Veterinarji u Sajd - Amministrazzjoni u Operat
Veterinary Affairs and Fisheries - Administration and Operations Division

Mr Paul Fenech Gonzi, B.A. (Hons.) Busn. Mgt., M.B.A. (Henley)	Direttur (Operat) *Director (Operations)*	12.02.2008
Dr Mario Spiteri, Dph, MA (ed) (Soton), PhD (Soton), MHCIMA, MIOSH, FRSH	Direttur (Trattament Xieraq ta' l-Annimali, Promozzjoni u Servizzi) *Director (Animal Welfare, Promotion and Services)*	12.02.2008

Is-7 ta' Marzu, 2008
(OPM/MPO/40/93/XV)

7th March, 2008

Nru. 232

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 14 ta' l-imsemmi Att kif ġej:–

No. 232

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
11. 03. 08	€20.601 (Lm8.84,4)	€0.445 (Lm0.19,1)

Il-11 ta' Marzu, 2008

11th March, 2008

Nru. 233

UFFIĊĊJU TAL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Deċiżjoni

CCD/464/07

21 ta' Frar, 2008

Deċiżjoni dwar l-akkwist skond ir-regolament 12(4) tar-Regolamenti ta' Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet (A.L. 294 ta' l-2002).

L-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta

Wara li kkunsidra n-notifika ta' l-10 ta' Jannar, 2008 skond ir-regolament 5 tar-Regolamenti ta' Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet, 2002;

Wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti ta' Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet, 2002;

Wara li kkunsidra ġurisprudenza tal-KE u ġurisprudenza barranija oħra;

Fatti

1. Fl-10 ta' Jannar, 2008, Ta' Monita Estates Limited u Mizzi Associated Enterprises Limited innotifikaw l-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta (minn issa 'l quddiem indikat bħala "UKĠ") dwar Ftehim ta' xiri u sottoskrizzjoni ta' ishma u Ftehim Kwadru (minn issa 'l quddiem indikati bħala l-"Ftehim") li permezz tagħhom Ta' Monita Estates Limited (minn issa 'l quddiem indikata bħala "Ta' Monita") u Mizzi Associated Enterprises Limited (minn issa 'l quddiem indikata bħala "Mizzi Associated", u minn issa 'l quddiem indikati kollettivament bħala l-"Partijiet Notifikanti") kellhom jakkwistaw kontroll konġunt ta' Kemmuna Limited (minn issa 'l quddiem indikata bħala "Kemmuna").

2. Fit-12 ta' Novembru, 2007, il-UKĠ tat deroga mill-effetti sospensivi tar-regolament 7(1) tar-Regolamenti ta' Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet, 2002 skond ir-regolament 7(3) ta' l-istess Regolamenti.

3. Il-preżentazzjoni u l-aċċettazzjoni ta' din in-notifika saret pubblika permezz ta' avviż ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern numru 18,175 fit-18 ta' Jannar, 2008 u permezz ta' avviż ippubblikat f'Gazzetta lokali fit-18 ta' Jannar ,2008.

Partijiet

4. Ta' Monita' hija kumpannija b'responsabbiltà limitata reġistrata f'Malta. Hija involuta fil-kummerċ ta' l-iżvilupp

No. 233

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Decision

CCD/464/07

21st February, 2008

Decision on acquisition in terms of regulation 12(4) of Regulations on Control of Concentrations (LN 294 of 2002)

The Office for Fair Competition,

Having considered the notification of 10 January, 2008 pursuant to regulation 5 of Regulations on Control of Concentrations 2002

Having considered the provisions of the Regulations on Control of Concentrations, 2002

Having considered EC and other foreign jurisprudence

Facts

1. On 10th January, 2008, Ta' Monita Estates Limited and Mizzi Associated Enterprises Limited notified the Office for Fair Competition (hereinafter referred to as "OFC") with a Share Sale and Subscription Agreement and a Framework Agreement, (hereinafter referred to as "the Agreements") whereby Ta' Monita Estates Limited (hereinafter referred to as "Ta' Monita") and Mizzi Associated Enterprises Limited (hereinafter referred to as "Mizzi Associated", and, hereinafter collectively referred to as the "Notifying Parties") are to acquire joint control of Kemmuna Limited (hereinafter referred to as "Kemmuna").

2. On the 12th November, 2007, the OFC granted a derogation from the suspensive effects of regulation 7(1) of the Regulations on Control of Concentrations, 2002, pursuant to regulation 7(3) of the same Regulations.

3. The filing and the acceptance of such notification was notified to the public through a public notice in the Government Gazette number 18,175 on 18th January, 2008 and a notice that appeared in a local newspaper on 18th January, 2008.

Parties

4. Ta' Monita' is a limited liability company incorporated in Malta, carrying on the business of property development

ta' proprjetà u għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha għand Tumas Group Head Office, Portomaso Business Tower, Level 20, San Ġiljan. Ta' Monita tikkontrolla b'mod konġunt Kemmuna Ltd permezz tas-sussiddjarja Ropes Limited. Preżentement Tumas Group Company Limited għandu 50% ta' l-ishma u Gee Five Limited għandha l-50% l-oħra. Da parti tagħha Tumas Group Company Limited hija ta' proprjetà tal-membri tal-familja Fenech. Mill-banda l-oħra Gee Five Limited hija kumpannija fi ħdan il-Gasan Group. It-Tumas Group għandu erba' lukandi f'Malta u cioè l-Hilton, lukanda five-star f'San Ġiljan, Malta, id-Dolmen u t-Topaz f'San Pawl il-Baħar u l-Halland fis-Swieqi, Malta kollha lukandi four-star. Il-Gasan Group m'għandux interess ta' kontroll fl-ebda lukanda tal-Gżejjer Maltin.

and having its registered office at Tumas Group Head Office, Portomaso Business Tower, Level 20, St. Julian's. It now jointly controls Kemmuna Ltd through its subsidiary Ropes Limited. It is presently owned as to 50% by Tumas Group Company Limited and as to the other 50% by Gee Five Limited. Tumas Group Company Limited is in turn owned by members of the Fenech family, whilst Gee Five Limited is a company within the Gasan Group. The Tumas group owns four hotels in Malta, that is, the Hilton, a five-star hotel in St. Julian's, Malta, the Dolmen and the Topaz in St. Paul's Bay, Malta, the Halland in Swieqi, Malta, all four-star hotels. The Gasan Group does not own or have any controlling interests in any hotels on the Maltese islands.

5. Mizzi Associated hija kumpannija b'responsabbiltà limitata reġistrata f'Malta. Hija għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi 30, Triq l-Arċisqof, Valletta. L-attivitajiet prinċipali tagħha jinkludu l-proprjetà u l-operazzjoni ta' lukandi u l-iżvilupp ta' proprjetà għal skopijiet ta' kummerċ u ta' kiri. Prenżentement Alf Mizzi & Sons Ltd għandha 50% ta' l-ishma u tal-familja Mizzi għandha 50% ta' l-ishma permezz ta' Consolidated Holdings Limited u Festa Limited. Mizzi Associated għandha interessi f'żewġ lukandi, u ċioè l-Mellieħa Bay Hotel fil-Mellieħa, Malta li hija lukanda 4-star u l-Comino Hotel f'Kemmuna. Il-familja Mizzi għandha interess fil-Waterfront Hotel f'Tas-Sliema, Malta li hija lukanda 4-star ukoll.

5. Mizzi Associated is a limited liability company incorporated in Malta and having its registered office at 30, Archbishop Street, Valletta. Its principal activities include the ownership and operation of hotels and the development of property for trading and rental purposes. It is presently owned as to 50% by Alf Mizzi & Sons Ltd and 50% owned, ultimately, by the Mizzi family through Consolidated Holdings Limited and Festa Limited. Mizzi Associated has interests in two hotels, namely, the Mellieħa Bay Hotel in Mellieħa, Malta, which is a four-star hotel and the Comino Hotel in Comino The Mizzi family has an interest in the Waterfront Hotel in Sliema, Malta, also a four-star hotel.

6. Kemmuna hija kumpannija b'responsabbiltà limitata privata reġistrata f'Malta u għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha ġewwa level 4, Suite 10, Portomaso Tower, St Julians, Malta. Hija għandha u topera l-lukanda f'Kemmuna magħrufa bħala Comino Hotel. Preżentement Mizzi Associated għandha 47.5% ta' l-ishma, Ropes Services Ltd għandha 47.5% ta' l-ishma u Chrisanthon Pty Ltd għandha r-rimanenti 5%. Din l-aħħar kumpannija, hija kumpannija trustee reġistrata fl-Awstralja.

6. Kemmuna is a private limited liability company incorporated in Malta having its registered office at level 4, Suite 10, Portomaso Tower, St. Julians, Malta. It owns and operates the hotel in Comino known as Comino Hotel. It is presently owned as to 47.5% by Mizzi Associated, as to 47.5% as to Ropes Services Ltd and as to the remaining 5% by Chrisanthon Pty Ltd. This latter company, a trustee company incorporated in Australia.

Ftehim

7. Qabel l-imsemmija Ftehim, Kemmuna kienet ikkontrollata biss minn Mizzi Associated b'azjonarjat ta' 56% ta' l-ishma f'Kemmuna. Mill-banda l-oħra Lombard Bank plc u Ropes Services Limited kellhom 28% u 16% rispettivament f'Kemmuna.

Agreement

7. Prior to the above-mentioned Agreements Kemmuna was solely controlled by Mizzi Associated with a shareholding of 56% of the shares in Kemmuna, whilst Lombard Bank plc and Ropes Services Limited held respectively 28% and 16% of the shares in Kemmuna.

8. Fil-15 ta' Novembru, 2007, Lombard Bank biegħ l-ishma kollha f'Kemmuna lil Hili Investments Limited; Hili Investments Limited biegħet l-ishma kollha f'Kemmuna lil Ropes Services Limited; Ta' Monita akkwistat l-ishma kollha f'Ropes Services Ltd; u Ropes Services Limited u Chrisanthon Pty Ltd ingħataw ishma.

8. On the 15th November, 2007, Lombard Bank sold its entire shareholding in Kemmuna to Hili Investments Limited; Hili Investments Limited sold its entire shareholding in Kemmuna to Ropes Services Ltd; Ta' Monita acquired all the shares in Ropes Services Ltd; and Ropes Services Limited and Chrisanthon Pty Ltd were allotted shares.

9. Skond il-Ftehim Kwadru, (kunfidenzjali)

9. According to the Framework Agreement, (confidential).

Konċentrazzjoni Notifikabbli

10. Ir-regolament 2(d)(ii) jirreferi għall-akkwist minn intrapriża waħda jew aktar minn waħda jew minn persuna waħda jew aktar li jkunu diġà jikkontrollaw mill-anqas xi intrapriża waħda, sew bix-xiri ta' titoli jew ta' assi, b'kuntratt jew b'kull mezz ieħor, ta' kontroll dirett jew indirett ta' intrapriża jew intrapriżi sħaħ jew ta' partijiet minnhom.

11. L-operazzjoni notifikata wasslet għall-bidla fil-kontroll ta' Kemmuna, minn kontroll uniku minn Mizzi Associated, għall-kontroll konġunt minn Ta' Monita (permezz ta' Ropes Services Limited) u Mizzi Associated f'Kemmuna.

12. Il-fatturat totali ta' l-impriżi kkonċernati fis-sena finanzjarja preċedenti jeċċedi 2.33 miljun Euro (preċedentement Lm1,000,000) u kull parti kkonċernata għandha fatturat f'Malta ekwivalenti għal mill-anqas 10% tal-fatturat totali kollu ta' l-impriżi kollha kkonċernati skond ir-regolament 2 tar-Regolamenti ta' Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet, 2002.

13. Huwa għalhekk konkluż li l-operazzjoni notifikata hija konċentrazzjoni skond it-tifsira tar-regolament 2(d)(ii) tar-Regolamenti ta' Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet, 2002.

Valutazzjoni: Is-Suq Rilevanti

Is-Suq tal-Prodott

14. Il-lukandi huma forma ta' akkomodazzjoni matul il-lejl 'imħallsa' u huma tipikament kategorizzati skond sistema ta' star rating jew skond il-prezz. B'konformità mad-deċiżjonijiet preċedenti tal-KE , il-Partijiet Notifikanti jissottomettu li l-effetti kompetittivi ta' konċentrazzjoni jistgħu jiġu kkunsidrati permezz ta' segmentazzjoni tas-suq skond il-prezz u/jew livell ta' kumdità bbażat fuq il-gradazzjoni jew l-istilel mogħtija lil lukanda partikolari; però minħabba differenzi sinifikanti fil-prezzijiet bejn lukandi "ta' livell baxx" u "lukandi ta' livelli għoli" meta dawn jinqasmu skond il-kategorija ta' l-istilel, il-Partijiet Notifikanti jsostnu li jkun aktar approprijat li jiġu identifikati swieq li jidħlu fuq xulxin kif ġej: lukandi 1 star u 2 star, lukandi 2 star u 3 star, lukandi 3 star u 4 star jew lukandi 1 star, 2 star u 3 star u lukandi 2 star, 3 star u 4 star.

15. L-UKĠ jinnota li f'deċiżjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni KE ikkunsidrat ukoll li s-suq ta' l-akkomodazzjoni fil-lukandi seta' jiġi segmentat skond il-proprjetà, jiġifieri separazzjoni ta' ditti ta' lukandi li jiffurmaw netwerks ta' lukandi minn naħa waħda u lukandi indipendenti minn naħa l-oħra.

16. Minn investigazzjoni mwettqa mill-UKĠ u l-informazzjoni mressqa mill-Awtorità tat-Turismu ta' Malta u mill-Malta Hotels and Restaurants Association jidher li fl-opinjoni tal-konsumatur, ditti ta' lukandi u lukandi

Notifiable Concentration

10. Regulation 2(d) (ii) refers to the acquisition by one or more undertakings or by one or more persons already controlling at least one undertaking, whether by purchase of securities or assets, by contract or by any other means, of direct or indirect control of the whole or parts of one or more undertakings.

11. The notified operation has led to a change of control in Kemmuna, from sole control by Mizzi Associated, to joint control by Ta' Monita (via Ropes Services Limited) and Mizzi Associated in Kemmuna.

12. The aggregate turnover of the undertakings concerned in the preceding financial year exceeds 2.33 million Euro (formerly Lm1,000,000) and each of the parties concerned had a turnover in Malta equivalent to at least 10% of the combined aggregate turnover of the undertakings concerned as set out in regulation 2 of the Regulations on Control of Concentrations.

13. It is concluded therefore that the notified operation is a concentration within the meaning of regulation 2 (d) (ii) of the Regulations on the Control of Concentrations.

Assessment: the Relevant Market

The Product Market

14. Hotels are a form of 'paid for' overnight accommodation and are typically categorised according to star rating or price. In line with previous EC Commission decisions , the Notifying Parties submit that the competitive effects of a concentration could be considered by segmentation of the market by price and/or comfort level based on the grading or stars awarded to a particular hotel; however due to significant price differences between "bottom" and "top" hotels when dividing hotels by star category, the Notifying Parties sustain that it would be more appropriate to identify submarkets which largely overlap as follows: 1 and 2 star hotels, 2 and 3 star hotels, 3 and 4 star hotels or 1,2 and 3 star and 2,3 and 4 star hotels.

15. The OFC notes that the EC Commission has, in its previous decisions, also considered that the hotel accommodation market could also be segmented by ownership, i.e. a separation of hotel chains forming networks of hotels on the one hand and independent hotels on the other hand.

16. From the investigation carried out by the OFC and the information submitted by the Malta Tourism Authority and the Malta Hotels & Restaurants Association it appears that from the customer's point of view, chain hotels and

indipendenti fil-gżejjer Maltin jissostitwixxu lil xulxin bil-wisa'. Ħafna lukandi li għandhom ċerti prezzijiet jikkompetu kontra xulxin irrispettivament mill-fatt jekk humiex parti minn ditta jew le. Fil-fatt, il-lukandi, sew jekk indipendenti jew parti minn ditta, jikkompetu sa ċertu punt fuq il-prezz u l-lokazzjoni.

17. L-imsemmija Awtorità u Assoċjazzjoni jissottomettu wkoll li m'hemm l-ebda raġuni biex issir differenza bejn ditti ta' lukandi u lukandi indipendenti fuq il-bażi li t-talba kostitwita minn tour operators/aġenziji u kumpanniji kbar tista' tiġi kkunsidrata separatament mit-talba ta' l-utent individwali. Huma jsostnu li l-aġenziji ta' l-ivvjaġġar u tour operators ma jużawx is-servizzi ta' lukandi indipendenti u ta' lukandi li huma parti minn ditta, u, li l-lukandi li huma parti minn ditta u dawk li huma indipendenti għandhom sostanzjalment l-istess tip ta' konsumaturi. Ma kienx hemm tibdil fit-talba tas-suq u għalhekk il-konsumaturi prinċipali li jżur il-gżejjer Maltin jagħmlu dan għal skopijiet ta' btala.

18. Ġie sottomess ukoll, li jista' jkun hemm distinzjoni ċara bejn lukandi 5 star u 4 star u lukandi 4 star u 3 star fix-xhur tas-sajf minħabba t-talba għolja, fejn il-prezzijiet jikkorrispondu għal dak li normalment jiġi mitlub minn lukanda 5 star u 4 star u lukanda 4 star u 3 star. Id-distinzjoni tinħass anqas fix-xhur tax-xitwa fejn it-talba tonqos u l-prezzijiet jinżlu u ġeneralment l-imsemmija kategoriji jikkoinċidu bl-iskop li jintlew il-lukandi.

19. Madankollu, skond karatteristiċi tas-settur lokali ta' l-akkomodazzjoni, ġie sottomess li s-suq ta' l-akkomodazzjoni fil-lukandi jista' jinqasam f'lukandi ta' klassi għolja, inklużi l-lukandi 5 star, lukandi ta' klassi medja inklużi dawk 4 star u 3 star u lukandi ta' klassi baxxa inklużi l-lukandi 2 star u 1 star, sew jekk indipendenti jew parti minn ditta ta' lukandi.

20. Il-proposta għal varjetà wiesgħa tal-prodott hija konsistenti mad-deċiżjonijiet KE rilevanti. Però minħabba li l-valutazzjoni tal-kompetizzjoni ta' din it-transazzjoni proposta ma toħloqx problemi, m'hemmx neċessità li jiġi mfisser is-suq tal-prodott rilevanti fil-każ preżenti.

Is-Suq Ġeografiku

21. Il-Partijiet Notifikanti jissottomettu li minħabba l-qies żgħir tal-Gżejjer Maltin u, b'mod partikolari, il-faċilità tal-ivvjaġġar bejn żoni tal-gżejjer Maltin kif ukoll l-omoġenità tas-swieq ġeografiċi, is-suq ġeografiku huwa nazzjonali fl-iskop tiegħu.

22. F'deċiżjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni KE innotat li s-suq ġeografiku rilevanti jista' jkun kemm nazzjonali kif ukoll lokali . Nazzjonali minħabba li l-istruttura tal-provvista tista' tvarja minn suq għall-ieħor minħabba li l-industrija tal-lukandi hija marbuta mat-tendenzi ekonomiċi nazzjonali u

independent hotels on the Maltese islands are largely substitutable. Most hotels within a certain price range largely compete with each other, irrespective of their belonging to a chain or not. In deed, hotels, whether independent or chain, compete to a large extent on price and location.

17. The said Authority and Association further submit that there is no valid reason to differentiate between chain hotels and independent hotels on the basis that the demand constituted by tour operators/agencies and big companies may be considered separately from the demand of the individual user. They state that travel agencies and tour operators do use the services of both independent and chain hotels, and, that chain hotels and independent hotels have substantially the same type of customers. There has been no change in the market demand so that the main type of customer's visits the Maltese islands for holiday/vacation purposes.

18. It has also been submitted, however, that there may be said to be a clear distinction between 5 and 4 star hotels and the 4 and 3 star hotels in the summer months due to high demand, where prices correspond to what would normally be requested by a 5 and 4 star hotel and a 4 and 3 star hotel. The distinction is less marked in the lean winter months were the demand is low and prices fall and generally overlap between the above-stated categories with the aim of filling the hotels.

19. Nonetheless, according to the characteristics of the local accommodation sector, it has been submitted that the hotel accommodation market may be segmented into the high class hotels, comprising of 5 star hotels, medium class hotels comprising of the 4 and 3 star hotels and the low class hotels comprising of the 2 and 1 star hotels, whether independent or chain hotels.

20. The proposal for a wide product scope is consistent with relevant EC decisions. However, since the competition assessment of this proposed transaction does not result in any concerns, it is not considered necessary to define the relevant product market in the present case.

The Geographic Market

21. The Notifying parties submit that given the small size of the Maltese islands and, in particular, the ease of travel between areas of the Maltese islands as well as the homogeneity of the geographic markets, the geographic market is national in scope.

22. In previous decisions, the EC Commission has noted that the relevant geographic market may be both national and local . National because the structure of supply may vary from one market to another since the hotel industry is linked to national economic trends and

lokali minħabba li l-kompetizzjoni teżisti fil-livell lokali bejn it-tipi kollha ta' lukandi (dawk li jagħmlu parti minn ditta ta' lukandi u dawk li huma indipendenti) minħabba li l-għażla ta' konsumatur ta' lukanda tkun determinata primarjament mill-lokazzjoni tagħha.

23. Mill-investigazzjoni mwettqa mill-UKĠ u mill-informazzjoni mogħtija mill-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta u mill-Malta Hotels and Restaurants Association, jista' jingħad li hemm suq ġeografiku separat bejn iż-żoni ċentrali ta' Malta u l-parti ta' fuq ta' Malta jekk wieħed jikkunsidra li l-parti ta' fuq ta' Malta hija primarjament destinazzjoni sajfija filwaqt li jkun hemm talba għaż-żoni ċentrali ta' Malta matul is-sena kollha. Ġie sottomess ukoll li l-parti ta' fuq ta' Malta u l-gżejjer ta' Għawdex u ta' Kemmuna jistgħu jikkostitwixxu suq sekondarju minħabba li hemm talba għal-lukandi li jinsabu f'dawn iż-żoni primarjament matul ix-xhur tas-sajf.

24. Però fil-każ preżenti, minħabba li l-valutazzjoni tal-kompetizzjoni tat-transazzjoni proposta ma toħloqx problemi, m'hemmx bżonn li s-suq ġeografiku rilevanti jiġi delinjat.

Oġġezzjonijiet minn Terzi

25. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet minn terzi.

Analiżi sostantiva

Il-kwistjoni ta' preżenza jew le ta' suq effettwat f'Malta

26. Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 6III ta' l-FN (Formola ta' Notifika annessa mar-Regolamenti ta' Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet), swieq milquta jikkonsistu fi swieq rilevanti għall-prodotti fejn, fit-territorju ta' Malta jew f'xi parti rilevanti minnu:

(a) xi żewġ jew aktar partijiet fil-konċentrazzjoni jkunu qed iwettqu attivitajiet kummerċjali fl-istess suq għall-prodott u fejn il-konċentrazzjoni tkun twassal għal sehem kombinat fis-suq ta' 15% jew aktar;

(b) xi parti waħda jew aktar partijiet fil-konċentrazzjoni jkunu qed iwettqu attivitajiet kummerċjali f'suq għal prodott, li jkun fil-linja 'l fuq jew fil-linja 'l isfel ta' suq għal prodott fejn parti oħra fil-konċentrazzjoni tkun ukoll qed twettaq kummerċ, u xi wieħed mis-sehem fis-swieq individwali jew kombinat tagħhom ikun ta' 25% jew aktar, mingħajr ma jittieħed kont ta' sew jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm xi relazzjonijiet eżistenti ta' fornitur/klijent bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni;

27. Kieku s-suq ġeografiku rilevanti kien ikkunsidrat bħala nazzjonali u s-suq tal-prodott rilevanti kien ikkunsidrat

local because competition exists at a local level between all types of hotels (chains and independents) since consumer choice of hotel will heavily be determined by location.

23. From the investigation carried out by the OFC and the information submitted by the Malta Tourism Authority and the Malta Hotels and Restaurants Association, there may be said to be a separate geographic market between the central areas of Malta and the northern part of Malta if one considers that the northern part of Malta is primarily a summer destination whilst the more central areas of Malta continue to be in demand throughout the year. It has also been submitted that the northern part of Malta and the islands of Gozo and Comino may constitute a sub-market as the hotels located in these areas are primarily in demand throughout the summer months.

24. In the present case, however, since the competition assessment of this proposed transaction does not result in any concerns it is also not necessary to delineate the relevant geographic market.

Third Party Objections

25. There were no third party objections.

Substantive Analysis

The matter of the presence or otherwise of an affected market in Malta

26. For the purposes of Section 6III of the CN (Notification Form annexed to the Regulations on the Control of Concentrations), affected markets are relevant product markets where, in the Maltese territory or a relevant part thereof:

(a) two or more of the parties to a concentration are engaged in business activities in the same product market and where the concentration will lead to a combined market share of 15% or more, or

(b) one or more of the parties to the concentration are engaged in business activities in a product market, which is upstream or downstream of a product market in which any other party to the concentration is engaged, and any of their individual or combined market shares is 25% or more, regardless of whether there is or is not any existing supplier customer relationship between the parties to the concentration.

27. If the relevant geographic market was considered as national and the relevant product market was considered

bħas-suq għal-lukandi kollha inklużi apart-hotels, kif huwa l-Halland Hotel, l-ishma totali mis-suq f'termini ta' volum (sodod) kienu jammontaw għal (kunfidenzjali) (żieda ta' [kunfidenzjali]) u għal (kunfidenzjali) (żieda ta' [kunfidenzjali]) f'termini ta' akkomodazzjoni ("iljieli mqatta hemm").

28. Kieku s-suq ġeografiku rilevanti kien ikkunsidrat bħala nazzjonali u s-suq tal-prodott rilevanti kien ulterjorment imqassam skond in-numru ta' stilel mogħtija lilu, l-ishma totali mis-suq f'termini ta' volum kienu jammontaw għal (kunfidenzjali) (żieda ta' [(kunfidenzjali]) u għal (kunfidenzjali) (żieda ta' [(kunfidenzjali]) f'termini ta' ljieli tal-provvista ta' akkomodazzjoni ta' lukandi 5 star u 4 star. Il-kompetituri prinċipali attivi f'dan is-suq f'termini ta' volum medju jkunu 4 lukandi 5 star u 7 lukandi 4 star.

29. Kieku s-suq ġeografiku rilevanti kien ikkunsidrat bħala nazzjonali u s-suq tal-prodott rilevanti kien ulterjorment imqassam skond l-akkomodazzjoni fil-lukandi 4 star u 3 star, l-ishma totali mis-suq f'termini ta' volum kienu jammontaw għal (kunfidenzjali) (żieda ta' [kunfidenzjali]) u għal (kunfidenzjali) (żieda ta' [(kunfidenzjali]) f'termini ta' ljieli mqatta' hemm. Il-kompetituri prinċipali attivi f'dan is-suq f'termini ta' volum medju jkunu 7, lukandi 4 star u 2, lukandi 3 star.

30. Kieku l-aktar suq ristrett kellu jkun spjegat, jiġifieri, kieku s-suq ġeografiku rilevanti kien ikkunsidrat bħala l-parti ta' fuq ta' Malta, Għawdex u Kemmuna u s-suq tal-prodotti rilevanti kien is-suq għall-lukandi 3 star u 4 star, l-ishma totali mis-suq f'termini ta' volum kienu jammontaw għal (kunfidenzjali) (żieda ta' [kunfidenzjali]) Minkejja dan is-sehem fis-suq miksub ta' aktar minn 15%, però, l-UKĠ jikkunsidra li minħabba ż-żieda attwali u futura fis-sodod għas-snin 2007 – 2010 sew jekk permezz ta' żviluppi ġodda jew proġetti ta' espansjoni, il-figuri tas-sehem kombinat ta' provvista tal-partijiet li jammonta għal (kunfidenzjali), mhumiex kunsidrati biżżejjed biex jagħtu lok għal inkwiet fid-dawl ta' din l-evidenza l-oħra kkunsidrata.

31. L-UKĠ jikkunsidra wkoll li hemm medja ta' 14,986 sodda disponibbli fil-lukandi 4 star fil-gżejjer Maltin. Din il-konċentrazzjoni tikkonċerna l-akkwist ta' 280 sodda biss, jiġifieri 1.87% tas-sodod kollha disponibbli fil-kategorija tal-lukandi 4 star imma (kunfidenzjali).

32. Element ieħor li għandu jittieħed in kunsidrazzjoni huwa li l-gżejjer Maltin huma tipikament destinazzjoni turistika. Wieħed jassumi li l-elastiċità fit-talba tat-turisti hija ġeneralment ogħla mill-elastiċità tal-vjaġġaturi għal skopijiet ta' xogħol. Għalhekk, għal turisti bi btaliet twal, appartamenti għal kiri jew *holiday homes* jikkostitwixxu alternattivi possibbli u kompetizzjoni minn, resorts simili fejn hemm bżonn. Dan, apparti l-fatt li t-tagħlim tal-lingwa Ingliża minn studenti barranin jikkostitwixxi parti importanti mit-turiżmu tagħna. L-akkomodazzjoni ta' dawn l-istudenti

as the market for all hotels, including apart-hotels, as is the Halland Hotel, the aggregated market shares in terms of volume (beds) would amount to (confidential) (increment of [confidential]) and to (confidential) (increment of [confidential]) in terms of occupancy ("nights spent").

28. If the relevant geographic market was considered as national and the relevant product market was further sub-divided according to the number of stars attributed thereto, the aggregated market share in terms of volume would amount to (confidential) (increment of [(confidential)]) and to (confidential) ([increment of (confidential) in terms of nights spent of the supply of 5 and 4 star hotel accommodation. The main competitors active on this market in terms of average volume would be 4, 5 star hotels and 7, 4 star hotels.

29. If the relevant geographic market was considered as national and the relevant product market was further sub-divided according to the 4 and 3 star hotel accommodation, the aggregated market share in terms of volume would amount to (confidential) (increment of [confidential]) and to (confidential) ([increment of [(confidential]) in terms of nights spent. The main competitors active on this market in terms of average volume would be 7, 4 star hotels and 2, 3 star hotels.

30. If the narrowest relevant market had to be delineated, i.e. if the relevant geographic market was considered to be the Northern part of Malta, Gozo and Comino and the relevant product market was the market for 3 and 4 star hotels, the aggregated market share in terms of volume would amount to (confidential) (increment of [confidential]) Despite this achieved aggregate market share beyond 15%, however, the OFC considers that in view of the actual and future increase in beds for the years 2007 – 2010 whether through new developments or expansion projects, the parties' combined share of supply figures amounting to (confidential), is not considered sufficient to give rise to concerns in the light of this other evidence considered.

31. The OFC also considers that there are on average 14,986 beds available in the 4 star hotels on the Maltese islands. This concentration concerns the acquisition of 280 beds only, i.e. 1.87% of the total beds available in the 4 star hotel category but at (confidential).

32. Another element to be taken into account is that the Maltese islands are a typical tourist destination. Elasticity of demand of tourists is generally assumed to be higher than elasticity of business travellers. Thus, for tourists with longer stays, rental apartments or holiday homes constitute possible alternatives and competition by other, comparable, resorts needs to be considered. This in addition to the fact that English language learning by foreign students constitutes an important part of our tourism. The placement of such students in hotels has

f'lukandi ma ntlaqatx sew u għalhekk lukandi antiki u lukandi ta' kategorija baxxa qed jiġu żviluppati f'ostelli ta' l-istudenti jew akkomodazzjoni ulterjuri oħra. Għalhekk, (konfidenzjali).

33. Jista' jintqal li l-ostakoli prinċipali għad-dħul f'dan is-suq jinkludi d-disponibbiltà ta' siti ġodda, ħtieġa ta' permess għal żvilupp lokali u l-ispejjeż biex tiġi stabbilita ditta. Però l-UKĠ jinnota li minkejja l-ostakoli għad-dħul jidru f'dan is-settur, jistgħu jintgħelbu minħabba l-evidenza ta' dħul attwali jew ippjanat jew espansjoni. Il-lukanda l-ġdida 'The Palace' f'Tas-Sliema, u l-proġetti ta' espansjoni approvati reċentement fi tliet lukandi f'Malta u Għawdex għas-sena 2007, huma evidenza ta' dħul b'suċċess u ta' espansjoni.

34. Skond is-sottomissjonijiet magħmula mill-awtoritajiet rilevanti, is-suq tal-lukandi ta' Malta huwa preżentement ikkaratterizzat minn talba qawwija fir-rigward tat-turiżmu. Mill-2006, it-talba fis-settur tal-lukandi Maltin kibret aktar malajr mill-provvista. Ir-rata medja netta ta' użu kienet ta' 55.6% fl-2007 b'żieda minn 53.5 % fl-2006.

35. Għalhekk, minħabba ishma relattivament baxxi u żiedit baxxi għal dawk l-ishma, il-preżenza ta' mill-anqas 11 il-lukanda kompetitriċi, il-fatt li l-ebda terza persuna ma qajjet problemi relatati mal-kompetizzjoni, u l-kunsidrazzjonijiet magħmula qabel, l-evidenza tissuġġerixxi li sostanzjalment it-transazzjoni mhix se tnaqqas il-kompetizzjoni

Konklużjonijiet

36. Għar-raġunijiet suesposti u skond ir-regolament 6(1)(ii) tar-Regolamenti ta' Kontroll fuq il-Konċentrazzjonijiet, 2002, id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta għaldaqstant iddeċieda:

(1) li għalkemm il-Konċentrazzjoni taqa' fl-iskop ta' dawn ir-Regolamenti, il-Konċentrazzjoni ma tqajjimx dubji serji dwar il-legalità tagħha;

(2) li ma jopponix għall-Konċentrazzjoni; u

(3) jiddikjara l-Konċentrazzjoni bħala waħda legali

Mireille Vella
Direttriċi

Il-11 ta' Marzu, 2008

proved to be unpopular so that ageing hotels and the low star hotels are being developed into student hostels or other suitable alternative accommodation. Thus, (confidential).

33. The principal barriers to entry into this market may be said to include the availability of new sites, requirement for local planning permission and the costs of establishing a brand. However the OFC notes that although entry barriers seem to feature in this sector, they are not insurmountable given the evidence of actual or planned entry or expansion. The new 'The Palace' hotel in Sliema, and, the recently approved expansion projects in three hotels in Malta and Gozo for the year 2007, are evidence of successful entry and expansion.

34. According to the submissions made by the relevant authorities, the Maltese hotel market is currently characterised by a strong demand with respect to tourism. Since 2006, the demand in the Maltese hotel sector was growing faster than the supply. The average net rate of utilisation was of 55.6 % in 2007 increasing from 53.5 % in 2006.

Advt. No. WSM/015/2008. Period contract for the sale of ferrous material.

A fee of €25 (Lm10.73) will be charged for each tender document.

Tender forms may be obtained together with any further information required from the above-mentioned office on any working day between 9.00 a.m. and noon.

11th March, 2008

STAMPERIJA TAL-GVERN

Id-Direttur, Stamperija tal-Gvern, jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Marzu, 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 2/2008. Provvista ta' servizzi ta' tindif lill-Istamperija tal-Gvern.

Il-formoli ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-I*store Procurement Section,* Stamperija tal-Gvern, 29A, Qasam Industrijali, il-Marsa, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Il-11 ta' Marzu, 2008

GOVERNMENT PRINTING PRESS

The Director, Government Printing Press, notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 28th March, 2008, for:-

Advt. No. 2/2008. Provision of cleaning services to the Government Printing Press.

Forms of tender may be obtained from the Store Procurement Section, Government Printing Press, 29A, Industrial Estate, Marsa, during normal office hours.

11th March, 2008

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Prinċipal fil-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jgħarraf illi:-

Sas-2.00 p.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-2 ta' April, 2008, jilqa' offerti li għandhom ikunu magħluqa f'envelop indirizzat minn qabel liċ-*Chief Administration Officer* u mitfugħa fil-kaxxa ta' l-offerti apposta fil-Bini Amministrattiv, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, għal:-

Avviż. Nru. MCAST T. 05/08. Preparazzjoni ta' Dikjarazzjoni ta' l-Impatt Ambjentali għall-MCAST Masterplan f'Kordin, Raħal Ġdid.

Għandu jitħallas dritt ta' €34.00 (Lm14.60) għal kull dokument ta' l-offerta li jista' jinġabar mid-Dipartiment ta' l-*Accounts* fil-Blokk ta' l-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08 Tel: 21 801 590/1, Fax: 21 801 596 www.mcast.edu.mt mit-8.30 a.m. sa nofsinhar u mis-2.00 p.m. sal-4.00 p.m.

L-MCAST iżomm id-dritt li jaċċetta jew jirrifjuta parti jew l-offerta sħiħa, xi offerti jew l-offerti kollha mitfugħa.

Il-11 ta' Marzu, 2008

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Principal of the Malta College of Arts, Science and Technology notifies that:-

Tenders placed in the self-addressed envelope, addressed to the Chief Administration Officer and deposited in the appropriate tender box at the Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola, up to 2.00 p.m. of Wednesday, 2nd April, 2008, from interested parties for:-

Advt. No. MCAST T. 05/08. Preparation of an Environmental Impact Statement for the MCAST Masterplan at Corradino, Paola.

A fee of €34.00 (Lm14.60) should be paid for each tender document, which may be collected from the Accounts Department at the Administration Block, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08 Tel: 21 801 590/1, Fax: 21 801 596 www.mcast.edu.mt from 8.30 a.m. to noon and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m.

MCAST reserves the right to accept or refuse in part or in whole, any or all tenders submitted.

11th March, 2008

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Prinċipal fil-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jgħarraf illi:-

Sas-2.00 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Marzu, 2008, jilqa' offerti/kwotazzjonijiet li għandhom ikunu magħluqa f'envelop indirizzat minn qabel liċ-*Chief Administration Officer* u mitfugħa fil-kaxxa ta' l-offerti apposta fil-Bini Amministrattiv, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, għal:-

Avviż Nru. MCAST T. 06/08. Stampar u/jew *photocopying* ta' *course notes*.

Kwot. Nru. MCAST Q. 01/08. Provvista, konsenja u stallazzjoni ta' għamara għall-i*staff canteen*.

Għandu jitħallas dritt ta' €34.00 (Lm14.60) għal kull dokument ta' l-offerta li jista' jinġabar mid-Dipartiment ta' l-*Accounts* fil-Blokk ta' l-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08 Tel: 21 801 590/1, Fax: 21 801 596 www.mcast.edu.mt mit-8.30 a.m. sa nofsinhar u mis-2.00 p.m. sal-4.00 p.m.

L-MCAST iżomm id-dritt li jaċċetta jew jirrifjuta parti jew l-offerta sħiħa, xi offerti jew l-offerti kollha mitfugħa.

Il-11 ta' Marzu, 2008

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Principal of the Malta College of Arts, Science and Technology notifies that:-

Tenders/quotations placed in the self-addressed envelope, addressed to the Chief Administration Officer and deposited in the appropriate tender box at the Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola, up to 2.00 p.m. of Friday, 28th March, 2008, from interested parties for:-

Advt. No. MCAST T. 06/08. Printing and/or photocopying of course notes.

Quot. No. MCAST Q. 01/08. Supply, delivery and installation of staff canteen furniture.

A fee of €34.00 (Lm14.60) should be paid for each tender document, which may be collected from the Accounts Department at the Administration Block, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08 Tel: 21 801 590/1, Fax: 21 801 596 www.mcast.edu.mt from 8.30 a.m. to noon and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m.

MCAST reserves the right to accept or refuse in part or in whole, any or all tenders submitted.

11th March, 2008

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Prinċipal fil-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jgħarraf illi:-

Sas-2.00 p.m. ta' nhar il-Ħamis, l-20 ta' Marzu, 2008, jilqa' offerti li għandhom ikunu magħluqa f'envelop indirizzat minn qabel liċ-*Chief Administration Officer* u mitfugħa fil-kaxxa ta' l-offerti apposta fil-Bini Amministrattiv, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, għal:-

Avviż. Nru. MCAST T. 04/08. Preparazzjoni ta' *traffic impact statement* għall-MCAST Masterplan f'Kordin, Raħal Ġdid.

Għandu jitħallas dritt ta' €34.00 (Lm14.60) għal kull dokument ta' l-offerta li jista' jinġabar mid-Dipartiment ta' l-*Accounts* fil-Blokk ta' l-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08 Tel: 21 801 590/1, Fax: 21 801 596 www.mcast.edu.mt mit-8.30 a.m. sa nofsinhar u mis-2.00 p.m. sal-4.00 p.m.

L-MCAST iżomm id-dritt li jaċċetta jew jirrifjuta parti jew l-offerta sħiħa, xi offerti jew l-offerti kollha mitfugħa.

Il-11 ta' Marzu, 2008

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Principal of the Malta College of Arts, Science and Technology notifies that:-

Tenders placed in the self-addressed envelope, addressed to the Chief Administration Officer and deposited in the appropriate tender box at the Administrative Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola, up to 2.00 p.m. of Thursday, 20th March, 2008, from interested parties for:-

Advt. No. MCAST T. 04/08. Preparation of a traffic impact statement for the MCAST Masterplan at Corradino, Paola.

A fee of €34.00 (Lm14.60) should be paid for each tender document, which may be collected from the Accounts Department at the Administration Block, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08 Tel: 21 801 590/1, Fax: 21 801 596 www.mcast.edu.mt from 8.30 a.m. to noon and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m.

MCAST reserves the right to accept or refuse in part or in whole, any or all tenders submitted.

11th March, 2008

KUNSILL MALTI GĦALL-KULTURA U L-ARTI

Il-Malta Song Board jgħarraf illi sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn 17 ta' Marzu, 2008, jilqa' offerti magħluqin għal disinn u stampar jew stampar biss ta' *press pack* b'konnessjoni mal-Eurovision Song Contest, 2008.

Għal aktar informazzjoni u kundizzjonijiet marbuta mas-servizz mitlub wieħed jista jibgħat *email* lis-Segretarju tal-Malta Song Board fl-indirizz martingauci@maltaculture.com jew jiġbor kopja tal-kundizzjonijiet mill-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti, 230 Triq ir-Repubblika, Valletta.

Il-11 ta' Marzu, 2008

MALTA COUNCIL FOR CULTURE AND THE ARTS

The Malta Song Board notifies that sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Monday 17th March, 2008, for the design and printing or printing only of the press pack in connection with the Eurovision Song Contest, 2008.

Further information and conditions connected with the requested service may be obtained on request from the Secretary of the Malta Song, address: martingauci@maltaculture.com or collected from the Malta Council for Culture and the Arts, 230 Triq ir-Repubblika, Valletta.

11th March, 2008

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

Il-Kunsill Malti għall-Isport jgħarraf illi jilqa' offerti sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, it-8 ta' April, 2008, għal:-

Servizzi minn entità biex tagħmel *survey* mal-poplu kollu fuq il-livell ta' parteċipazzjoni fl-isport u attività fiżika.

Id-dokumenti ta' l-offerta u kundizzjonijiet jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Finanzi tal-Kunsill Malti għall-Isport, Kumpless Sportiv Kottonera, Bormla, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Għandu jsir ħlas ta' €69.88 (Lm30) meta jinġabru d-dokumenti.

Il-11 ta' Marzu, 2008

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

The Kunsill Malti għall-Isport receives offers up to noon on Tuesday, 8th April, 2008, for:-

Services of an entity to carry out a nationwide survey on the level of participation in Sport and Physical activity.

Tender documents and conditions can be collected from the Finance Office of the Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, Cospicua, during office hours.

A fee of €69.88 (Lm30) has to be paid upon collection of documents.

11th March, 2008

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

Il-Kunsill Malti għall-Isport jgħarraf illi jilqa' offerti sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, it-8 ta' April, 2008, għal:-

Modernizzar ta' l-istallazzjoni tal-*floodlighting* fil-Kumpless tal-Pixxina Nazzjonali, Tal-Qroqq.

Id-dokumenti ta' l-offerta u kundizzjonijiet jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Finanzi tal-Kunsill Malti għall-Isport, Kumpless Sportiv Kottonera, Bormla, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Għandu jsir ħlas ta' €116.47 (Lm50) meta jinġabru d-dokumenti.

Il-11 ta' Marzu, 2008

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

The Kunsill Malti għall-Isport receives offers up to noon on Tuesday, 8th April, 2008, for:-

Upgrading of the floodlighting installation at the National Pool Complex, Tal-Qroqq.

Tender documents and conditions can be collected from the Finance Office of the Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, Cospicua, during office hours.

A fee of €116.47 (Lm50) has to be paid upon collection of documents.

11th March, 2008

UFFIĊĊJU TAD-DWANA

Il-Kontrollur tad-Dwana jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, l-24 ta' Marzu, 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. A/03/08. Provvista ta' tliet mitt (300) *rainsuits* għall-Impjegati tad-Dwana.

Informazzjoni relevanti u dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Imħażen tad-Dwana, Wied il-Kbir, Ħal Qormi, matul il-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju, numri tat-telefon: 21499099/69.

Il-11 ta' Marzu, 2008

CUSTOM HOUSE

The Comptroller of Customs notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Monday, 24th March, 2008, for:-

Advt. No. A/03/08. Supply of three hundred (300) rainsuits for Customs Personnel.

All relevant information and tender documents can be collected from the Customs Stores, Wied il-Kbir, Qormi, during normal office hours, telephone numbers: 21499099/69.

11th March, 2008

ASSOĊJAZZJONI TAL-KUNSILLI LOKALI

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali tgħarraf lill-partijiet interessati u kwalifikati illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-21 ta' Marzu 2008, fl-Uffiċċju ta' l-Assoċjazzjoni, 153, Triq il-Kbira, Balzan, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. LCA/01/2008. Ħatra ta' *Event Management Company.*

Għandi jitħallas dritt ta' €60 (Lm25.76) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti jistgħu jinġabru mill-uffiċċju fl-indirizz imsemmi hawn fuq waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Il-11 ta' Marzu, 2008

LOCAL COUNCILS' ASSOCIATION

The Local Councils' Association notifies interested and qualified parties that:-

Sealed tenders will be received at the Association's Office, 153, Triq il-Kbira, Balzan, up to 11.00 a.m. of Friday, 21st March 2008, for:-

Advt. No. LCA/01/2008. Appointment of an Event Management Company.

A fee of €60 (Lm25.76) should be paid for every tender document.

The documents may be collected from the Association's Office at the abovementioned address during office hours.

11th March, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

423

Ikun jaf kulħadd, illi b'digriet tal-15 ta' Marzu 2007, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-15 ta' Marzu 2007, fuq talba ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie ordnat biex

It is hereby notified that by means of a decree dated 15th March 2007, the First Hall Civil Court ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court on the 15th March 2007 following a request by HSBC Bank Malta p.l.c. it was

jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi injoti tat-Tabib Amabile Pace, fl-atti taċ-Ċedola ta' Depożitu fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' Depożitu ta' ċens ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Marzu 2007, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. kontra Kuraturi Deputati nominati sabiex jirrappreżentaw l-eredi injoti tat-Tabib Amabile Pace (konnotati mhux magħrufa) ġa sid tad-directus dominius ta' l-appartament numru disgħa (9) formanti parti minn korp ta' appartamenti numru disgħa u erbgħin (49), Triq San Mark, Valletta:

Illi l-bank esponent jippossjedi l-appartament numru disgħa (9) formanti parti minn korp ta' appartamenti numru disgħa u erbgħin (49), Triq San Mark ...omissis... soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €7.25 (Lm3.11,3m)... omissis.

Illi l-imsemmija proprjetà ġiet liberata a favur tal-Bank esponent nhar il-Ħamis, erbgħa (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) permezz ta' bejgħ b'subasta numru 23/01 miżmum taħt l-Awtorità ta' din l-Onorabbli Qorti fuq talba ta' HSBC Home Loans (Malta) Limited u kontra Demis Tonna iben Carmel u Janet neé Beasley u Manolita Tonna, mart l-imsemmi Demis, bint Paul Zammit u Doris Muscat,

...omissis...

Għaldaqstant l-esponenti nomine jadixxu din il-Qorti u taħt l-awtorità ta' l-istess jgħaddu biex jiddepożitaw is-somma ta' €36.27 (Lm15.57) rappreżentanti ħames snin ċens, u dana sabiex din is-somma tingħata liberament lill-intimati wara li jħallu d-debita rċevuta skond il-liġi.

Applikant: 116, Triq l-Arċisqof, Valletta

Notifika: Kuraturi Deputati

Qrati tal-Ġustizzja, Valletta

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi ta' l-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi

ordered that Deputy Curators be chosen to represent unknown heirs of Doctor of Medicine Amabile Pace, in the records of the Schedule of Deposit in the names HSBC Bank Malta p.l.c.vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of the Schedule of Deposit of groundrent filed in the First Hall Civil Court on the 14th March 2007, in the names HSBC Bank Malta p.l.c. against Deputy Curators nominated to represent the unknown heirs of Doctor of Medicine Amabile Pace (particulars unknown) formerly owner of the directus dominius of the appartment number nine (9) forming part of a block of appartments number forty-nine (49), Saint Mark Street, Valletta:

That the applicant bank owns the appartment number nine (9) forming part of a block of appartments number forty-nine (49), Saint Mark Street, Valletta ...omissis... subject to the annual perpetual groundrent of €7.25 (Lm3.11,3m)... omissis.

That the said property was adjudged in favour of the applicant Bank on Thursday fourth (4) of November of the year two thousand four (2004) by means of judicial sale number 23/01 held under the Authority of this Honourable Court following a request of HSBC Home Loans (Malta) Limited and against Demis Tonna son of Carmel and Janet neé Beasley and Manolita Tonna, wife of the said Demis, daughter of Paul Zammit and Doris Muscat ..omissis...

..omissis...

Therefore the applicant under the authority of this Court are depositing the sum of €36.27 (Lm15.57) representing five years ground rent so that this sum be freely given to the respondents after giving the due receipt according to law.

Applicant: 116, Archbishop Street Valletta

Notification: Deputy Curators

Courts of Justice, Valletta.

Your are therefore ordered to affix an official copy of this bann of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any

xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Onor.Imħallef Lino Farrugia Sacco, LL.D.

Illum 15 ta' Marzu, 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Marzu 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr Justice Lino Farrugia Sacco, LL.D.

Today 15th March 2007

Registry of the Superior Courts, today 6th March, 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

424

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Frar 2008, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 9650/06, fl-ismijiet Pater Finance Co Ltd (22643) vs Mary Engerer et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Mary Engerer u żewġha Christopher Engerer (ID 409755M) ta' 26, Triq l-Għerien, Mosta, fl-1 ta' Diċembru 2006, Pater Finance Co Ltd (C22643) ta' UCIM Co Building, Birkirkara Road, Birkirkara, jinterpellkom sabiex fi żmien jumejn tħallsu s-somma ta' €468.20 (Lm201) import ta' kambjali oltre l-imgħax mill-10 ta' Novembru 2006 sad-data tal-ħlas effettiv.

Fin-nuqqas is-soċjetà mittenti ser tipproċedi kontra tagħkom ulterjorment bil-Qorti, mingħajr avviż ieħor, inkluż kull mandat opportun.

Din l-intima qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u speċjalment biex jirrendi l-imsemmija kambjali eżegwibbli skond il-liġi a tenur tal-Art. 256 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Qed tiġu infurmati wkoll, u dan kif rikjest mill-proviso ta' paragrafu (e) ta' Art. 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta illi tistgħu permezz ta' rikors li għandu jsir fi żmien għoxrin jum minn notifika ta' din l-ittra uffiċjali, titolbu lill-Qorti kompetenti sabiex tissospendu l-eżekuzzjoni tal-kambjali kollha jew f'parti minnhom u dana f'każ li topponu l-eżekuzzjoni tal-kambjala jew kambjali minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew kambjali ma tkunx tagħkom jew tal-mandatarju tagħkom jew fejn għandkom raġunijiet oħra gravi u validi biex tipponu l-eżekuzzjoni.

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree on the 20th February 2008, in the records of the judicial letter number 9650/06, in the names Pater Finance Co Ltd (22643) vs Mary Engerer et ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Mary Engerer and her husband Christopher Engerer (ID409755M) of 26, Triq l-Għerien, Mosta, on the 1st December 2006, Pater Finance Co Ltd (C22643) of UCIM Co Building, Birkirkara Road, Birkirkara, call upon you so that within two days you pay the sum of €468.20 (Lm201) value of bills of exchange, besides interest from the 10th November 2006 till the effective payment.

If you fail to pay the interpellant company will further proceed against you according to law and without any other notice, including the opportune warrant.

This act is being made for all purposes and effects of law especially to render these bills of exchange executable accoding to law and in terms of Art 256 (2) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

You are being also informed, as it is requested by proviso of paragraph (e) of Article 253 Chapter 12 of the Laws of Malta that you can by means of an application that has to be made within twenty days from the service of this judicial act, to ask the competent Court to suspend the execution of the bills of exchange and this in case you oppose such execution of the bills of exchange because of the signature on the said bills of exchange is not yours or of your mandator or if you have other valid and serious reasons to oppose this execution.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Marzu 2008

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

With costs.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 6th March 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

425

Ikun jaf kulħadd, illi b'digriet tat-28 ta' Diċembru 2007, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-28 ta' Diċembru 2007, fuq talba ta' Dr Luigi A. Sansone noe ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil STE SOLARADEL S.A.R.L. fl-atti tar-Rikors Ġuramentat nru 1344/07 CFS fl-ismijiet Dr Luigi A. Sansone noe vs. Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors maħluf ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B.(Hons), LL.D., detentur tal-karta ta' identità numru 258269 ittra "M", bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera GA Modefine S.A. ta' Via Penate 4, CH-6850 Mendrisio, Svizzera vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil STE SOLARADEL S.A.R.L. ta' NO.83 Atarin Ancien Medina, Fes, il-Marokk, fis-26 ta' Diċembru 2007, ir-rikorrenti nomine talab lil din l-Onorabbli Qorti:

(1) tiddikjara li l-oġġetti konsistenti f'nuċċalijiet tax-xemx ...omissis... li jinsabu preżentement taħt l-awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container UNIU 4031048 kontenenti l-imsemmija oġġetti, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi;

(2) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oġġetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerċ b'dak il-mod li jipprekludu xi ħsara lis-soċjetà attriċi jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruġġi dawk l-oġġetti, f'kull każ mingħajr ebda kumpens lill-, u għas-spejjeż tal-konvenuta;

It is hereby notified, that by means of a decree of the 28 December 2007, the First Hall Civil Court, ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court on the 28 December 2007, following a request by Dr Luigi A. Sansone noe it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the respondent commercial company STE SOLARADEL S.A.R.L. in the records of the Application 1345/07 CFS in the names Dr Luigi A. Sansone noe vs. Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of the Sworn Application filed in the First Hall Civil Court in the names Dr. Luigi A. Sansone LL.B.(Hons), LL.D., holder of Identity Card number 258269 letter "M", as special mandatary of the foreign company GA Modefine S.A. of Via Penate 4, CH-6850 Mendrisio, Switzerland vs Deputy Curators to represent STE SOLARADEL S.A.R.L., of NO.83 Atarin Ancien Medina, Fes, Morocco, on the 26 December 2007, the applicant nomine asked this Honourable Court to:

(1) Declare that the objects consisting in sunglasses... omissis...which at present are under the authority of the Comptroller of Customs after he suspended the release of container UNIU 4031048 which contained the said objects, contravened the intellectual property rights of the plaintiff company;

(2) order the Comptroller of Customs to dispose of the said objects outside the channels of trade in such a manner as to preclude any damage to the plaintiff company or order the Comptroller of Customs to destroy those objects, in any case without any compensation to, and at the cost of the defendant;

(3) tieħu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar dawk l-oġġetti, kull miżura oħra li jkollha l-effetti li effettivament iċċaħħad lill-konvenuta mill-benefiċċji ekonomiċi tat-transazzjoni;

(4) tordna li l-konvenuta għandha tbati l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnati ...omissis...

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni tagħha.

Lista ta' Xhieda

Elenku ta' dokumenti

Attur nomine Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B.(Hons), LL.D., detentur tal-karta ta' identità numru 258269 ittra "M", bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera tas-soċjetà estera GA Modefine S.A. ta' Via Penate 4, CH-6850 Mendrisio, Svizzera.

84, Melita Street, Valletta VLT 12.

Konvenuta Kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil STE SOLARADEL S.A.R.L. ta' NO.83, Atarin Ancien Medina, Fes, il-Marokk (żewġ kopji).

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuratur ta' l-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Onor. Imħallef Abigail Lofaro, LL.D.

Illum, 28 ta' Diċembru, 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Marzu 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

(3) to take or order the Comptroller of Customs to take as regards those objects any other measures that shall have the effect to deprive the defendant from the economic benefits of the transaction;

(4) order the defendant to bear all the costs connected with the ordered measures ...omissis...

With costs against the defendant who is from now summoned so that a reference to its evidence may be made.

List of witnesses

List of documents

Plaintiff nomine Dr. Luigi A. Sansone, LL.B.(Hons), LL.D., holder of Identity Card number 258269 letter "M", as special mandatary of the foreign company GA Modefine S.A. of Via Penate 4, CH-6850 Mendrisio, Switzerland.

84, Melita Street, Valletta VLT 12.

Defendant Deputy curators to represent STE SOLARADEL S.A.R.L., of NO.83 Atarin Ancien Medina, Fes, Morocco, (two copies).

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Madam Justice Abigail Lofaro, LL.D.

Today 28th December, 2007.

Registry of the Superior Courts, today 6th March 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

426

Rikorenti: 32/3, Mon Bijou, Triq San Ġwakkin Marsaskala.

Notifiki: Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw is-sidien inċerti tad-dirett dominju perpetwu gravanti l-fond numru 57, Triq San Leonardu, Xgħajra limiti ta' Ħaż-Żabbar.

Direttur Reġistru Pubbliku, Merchants Street, Valletta (żewġ notifiki)

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi ta' l-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Imħallef Anna Felice, LL.D.

Illum 27 ta' April, 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Marzu 2008.

AVV DOTT FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicant: 32/3, Mon Bijou, San Ġwakkin Street, Marsascala

Notify: Deputy curators to represent uncertain owners of the perpetual direct dominium on premises number 57, San Leonardu Street, Xgħajra limits of Żabbar

Director Public Registry, Merchants Street, Valletta (two copies)

Your are therefore ordered to affix an official copy of this bann of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Madam Justice Anna Felice, LL.D.

Today 27th April, 2007.

Registry of the Superior Courts, today 6th March 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

427

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Frar 2008, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1337/07 RCP, fl-ismijiet Anna Maria Buttigieg kontra Remy Said, Sasha Said u Daniela Said, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati Remy Said u Daniela Said, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Anna Maria Buttigieg kontra Remy Said, Sasha Said u Daniela Said, ir-rikorrenti Anna Maria Buttigieg, esponiet bir-rispett …omissis… għaliex din il-Qorti m'għandhiex, prevja dikjarazzjoni opportuna:

1. Tiddikjara illi l-intimati konvenuti aċċettaw l-eredità ta' missierhom Godwin Said b'mod definittiv u dan qabel in-nota minnhom ippreżentata dwar l-aċċettazzjoni bil-benefiċċju ta' l-inventarju.

It is hereby notified, that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 28th February 2008, in the records of the Sworn Application number 1337/07 RCP, in the names Anna Maria Buttigieg against Remy Said, Sasha Said and Daniela Said, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents Remy Said, and Daniela Said, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application, filed the Civil Court First Hall, in the names Anna Maria Buttigieg against Remy Said, Sasha Said and Daniela Said, the applicant Anna Maria Buttigieg pleaded with respect …omissis…why this Court should not saving the opportune declaration:

1. Declare that the respondent defendants have accepted the inheritance of their father Godwin Said in a definitive way and this before the note presented by them in regard to the acceptance with the benefit of inventory.

2 ….omissis…

3…omissis…

4. Tħassar u tirrevoka d-digriet numru 1643/03, mogħti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili u dan għar-raġunijiet hawn fuq indikati.

5. Konsegwentement, tiddikjara illi l-intimati konvenuti huma l-werrieta ta' Godwin Said u dan mingħajr il-benefiċċju ta' l-inventarju.

Lista ta' Xhieda

Lista ta' dokumenti

Notifika: Remy Said, 98, Triq Ġiebja Swieqi.
…omissis…
Daniela Said, 114/1, Triq it-Torri, Sliema.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1337/07 RCP, fl-ismijiet Anna Maria Buttigieg kontra Remy Said, Sasha Said u Daniela Said, jinsab differit għall-10 ta' Ġunju 2008, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Marzu 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2 …omissis…

3 …omissis…

4. Rescind and revoke the decree number 1643/03, given by the Second Hall of the Civil Court for the above mentioned reasons.

5. Consequently, declare that the respondent defendants are the heirs of Godwin Said and this without the benefit of inventory.

List of Witnesses

List of documents

Notify: Remy Said, 98, Ġiebja Street, Swieqi.
...omissis…
Daniela Said, 114/1, Tower Road, Sliema.

The Sworn Application No. 1337/07 RCP, in the names Anna Maria Buttigieg against Remy Said, Sasha Said and Daniela Said, has been put off to the 10th June 2008, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 7th March 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

428

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili, b'digriet ta' nhar l-4 ta' Marzu 2008, ordnat il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid ta' Mario Conti li jġib in-numru 5318 tas-sena 1951, fis-sens illi fil-kolonna intestata "Isem u kunjom l-Omm" il-kelma "Annie" tiġi mħassra u sostitwita bil-kelma "Anne".

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili
Illum, nhar it-Tlieta 4 ta' Marzu, 2008.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S
Għar-Reġistratur,
Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

IT IS hereby notified that in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 4th day of March 2008, ordered the correction of the Act of Birth of Mario Conti bearing number 5318 of the year 1951, in the sense that in the column entitled 'Name and Surname of the mother' the word "Annie" is to be cancelled, and written instead "Anne".

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts
Today, Tuesday 4th March, 2008.

MARIO MIFSUD, B.A.,D.L.I.S.,
F/Registrar,
Court of Revision of Notarial Acts

L-ammonti bl-ewro huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in euro are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*